MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TA' L-20 TA' JANNAR, 2014

NUMRU 96/2001

**IL-PULIZIJA**
**(Supretendent Sandro Gatt)**

**Vs**

**PAUL GAUCI BORDA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Paul Gauci Borda ta’ 47 sena, iben Paul u Carmen nee Cassar, imwieled Attard fit-23 ta’ Mejju 1966, joqghod Flat 1, D’Aniens Court, Upper Saint Albert Street, Gzira, detentur tal-Karta tal-Identita numru 252366(M), gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-25 ta’ Frar 1998 u f’dan l-ahhar xahar qabel din id-data :

a) **forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina**, specifikata fl-ewwel Skeda

tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) **kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta’ Jannar 1996.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni (bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) u r-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-15 ta` Dicembru 2003 (ara *folio* 183).

Tippuntwalizza illi dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum 20 ta` Jannar 2014 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijieti;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Ghall-fini tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur (ara *folio* 191 – verbal tas-seduta tas-7 ta` Lulju 2004) li l-imputat ghandu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta; u hadet ukoll in

konsiderazzjoni l-fatt li fl-imsemmija udjenza l-imputat kien irregistra ammissjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446, **issib lil Paul Gauci Borda hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu**, **u** fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, l-Qorti **tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur u ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00)**, bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta’ Lulju 2014. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------